MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1385/2003

**Joe u Mary Borg**

**vs**

**Gareth Grech**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta’ Lulju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannata thallas lill-atturi is-somma ta’ mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm252.25) rapprezentanti kwantu ghal mija u tnejn u sebghin lira u hamsin centezmu (Lm172.50) bhala prezz ta’ rikostruzzjoni ta’ hajt tas-sejjiegh, wiehed u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm51.50) prezz ta’ xatba gdida, tlett lira Maltin (Lm3.00) road accident report, u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) bhala spejjez legali u dan prevja dikjarazzjoni li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghaa dawn id-danni li gew inkorsi minhabba traskuragni,

negligenza, imperizja u non osservanza tar-regoli tat-traffiku fis-sewqan tal-konvenut meta fis-26 ta' Marzu 2002 fil-Bidnija dahal fil-hajt u x-xatba tal-atturi bil-vettura GJG-555.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut thallas lil-atturi s-somma ta' mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm252.25), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------